Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Marzu 2024**
**(OR. en)**

**7451/24**
**ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2024/0052(NLE)**

**AELE 17**
**EEE 11**
**ISL 10**
**N 18**
**FL 12**
**PECHE 99**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 4 ta' Marzu 2024 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2024) 97 final ANNEX 2 |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 97 final ANNEX 2.

---

Mehmuż: COM(2024) 97 final ANNEX 2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2024
COM(2024) 97 final

ANNEX 2

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda**

<u>**DOKUMENT MEHMUŻ II**</u>

**FTEHIM**
**BEJN IR-RENJU TAN-NORVEĠJA U L-UNJONI EWROPEA DWAR MEKKANIŻMU FINANZJARJU NORVEĠIŻ GĦALL-PERJODU BEJN MEJJU 2021 U APRIL 2028**

*Artikolu 1*

(1) Objettivi

Ir-Renju tan-Norveġja jimpenja ruħu li jikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-disparitajiet ekonomiċi u soċjali fiż-Żona Ekonomika Ewropea u għat-tisħiħ tar-relazzjonijiet tiegħu mal-Istati Benefiċjarji, permezz ta' Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż separat fil-prijoritajiet tematiċi elenkati fl-Artikolu 3[1].

(2) Valuri u Prinċipji Komuni

Il-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż (2021-2028) huwa bbażat fuq il-valuri u l-prinċipji komuni tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi.

Il-programmi u l-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għandhom ikunu konsistenti mar-rispett għal dawn il-valuri u l-prinċipji u jastjenu milli jappoġġaw operazzjonijiet li jistgħu jonqsu milli jagħmlu dan. L-implimentazzjoni tagħhom għandha tikkonforma mad-drittijiet u l-obbligi fundamentali minquxa fl-istrumenti u l-istandards rilevanti.

*Artikolu 2*

Impenji

L-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 1 għandu jkun ta' EUR 1 380 miljun. Kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali ta' EUR 83 miljun għandha tkun disponibbli wkoll għall-proġetti relatati mal-isfidi esperjenzati b'konsegwenza tal-invażjoni tal-Ukrajna. Dawn il-kontribuzzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għall-impenn f'porzjonijiet annwali ta' EUR 209 miljun matul il-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sat-30 ta' April 2028, iż-żewġ dati inklużi.

L-ammont totali għandu jikkonsisti minn allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kif speċifikat fl-Artikolu 6 flimkien mal-fondi speċifikati fl-Artikolu 7.

*Artikolu 3*

(1) Prijoritajiet tematiċi

L-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom ikunu disponibbli biex jippromwovu l-prijoritajiet tematiċi ġenerali li ġejjin;

(a) it-tranżizzjoni ekoloġika Ewropea

(b) id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem

(c) l-inklużjoni soċjali u r-reżiljenza

[1] F'dan il-Ftehim, ir-referenzi għall-artikoli, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom jinftiehmu bħala referenzi għall-artikoli f'dan il-Ftehim.

F'dawn il-prijoritajiet tematiċi, l-oqsma tal-programm huma stabbiliti fl-Anness ta' dan il-Ftehim. Il-kontenut ta' dawn l-oqsma tal-programm jiġi kkonsultat mal-Istati Benefiċjarji.

(2) Ħtiġijiet tal-Istati Benefiċjarji

L-oqsma tal-programm għandhom jintgħażlu, jiġu kkonċentrati u adattati, biex jirrispondu għall-ħtiġijiet differenti f'kull Stat Benefiċjarju, filwaqt li jitqiesu d-daqs tiegħu u l-ammont tal-kontribuzzjoni. Għal dan l-għan, il-proċedura li għandha tiġi segwita hija stabbilita fl-Artikolu 9, il-paragrafu 5.

*Artikolu 4*

(1) Memoranda ta' Qbil

Sabiex tinkiseb konċentrazzjoni u tiġi żgurata implimentazzjoni effiċjenti, f'konformità mal-objettivi ġenerali msemmija fl-Artikolu 1, u filwaqt li jitqiesu l-politiki tal-UE u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, kif ukoll il-Ftehimiet ta' Sħubija konklużi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju tan-Norveġja għandu jinnegozja ma' kull Stat Benefiċjarju Memorandum ta' Qbil f'konformità mal-Artikolu 9, il-paragrafu 5.

(2) Konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea

Il-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea għandhom isiru f'livell strateġiku u għandhom isiru matul in-negozjati tal-Memoranda ta' Qbil bil-ħsieb li jippromwovu l-komplementarjetà u s-sinerġiji mal-politika ta' koeżjoni tal-UE.

*Artikolu 5*

(1) Kofinanzjament

Fir-rigward ta' programmi skont l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li għalihom l-Istati Benefiċjarji għandu jkollhom ir-responsabbiltà tal-implimentazzjoni, il-kontribuzzjoni mir-Renju tan-Norveġja ma għandhiex taqbeż il-85 % tal-kost tal-programm, sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mir-Renju tan-Norveġja.

(2) Għajnuna mill-Istat

Ir-regoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom jiġu rrispettati.

(3) Responsabbiltà

Ir-responsabbiltà tar-Renju tan-Norveġja għall-proġetti hija limitata li tipprovdi l-fondi skont il-pjan maqbul. Għaldaqstant, ir-Renju tan-Norveġja mhuwa se jassumi l-ebda responsabbiltà għal partijiet terzi.

*Artikolu 6*

Allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

L-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għandhom ikunu disponibbli lill-Istati Benefiċjarji li ġejjin: Il-Bulgarija, Ċipru, l-Estonja, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Ungerija, skont id-distribuzzjoni li ġejja:

| Stat Benefiċjarju | Fondi (EUR) |
|---|---|
| Bulgarija | 127,197,491 |
| Kroazja | 65,092,127 |
| Ċipru | 8,613,472 |
| Repubblika Ċeka | 110,034,588 |
| Estonja | 35,081,761 |
| Ungerija | 124,271,436 |
| Latvja | 53,529,539 |
| Litwanja | 57,575,226 |
| Malta | 5,462,877 |
| Polonja | 452,283,429 |
| Rumanija | 291,616,358 |
| Slovakkja | 63,904,256 |
| Slovenja | 24,437,440 |

L-ammonti pprezentati jinkludu l-allokazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li għandhom ikunu disponibbli għal kull Stat Benefiċjarju f'konformità mal-Artikolu 9, il-paragrafu 5, u s-sehem tal-fond għas-soċjetà ċivili msemmi fl-Artikolu 7 li għandu jkun ta' benefiċċju għal kull Stat Benefiċjarju.

*Artikolu 7*

Fil-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż, għandhom ikunu disponibbli tliet fondi. Huma għandhom jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tal-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż (2021-2028) kif definiti fl-Artikolu 1, u għall-prijoritajiet tematiċi msemmija fl-Artikolu 3. Entitajiet Norveġiżi jistgħu jipparteċipaw bħala sħab fil-fondi.

(1) Fond għas-soċjetà ċivili

10 % tal-ammont totali għandu jitwarrab għal fond għas-soċjetà ċivili. Il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għall-Istati Benefiċjarji huwa stabbilit fl-Artikolu 6.

5 % tal-fond għandu jiġi allokat għal inizjattivi tranżnazzjonali.

(2) Fond għall-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali

2 % tal-ammont totali għandu jitwarrab għal fond għall-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali, fost oħrajn, il-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (European Union Agency for Fundamental Rights, FRA). Dan il-fond se jippromwovi l-prijoritajiet tematiċi fl-Istati Benefiċjarji.

(3) Fond għal djalogu soċjali u xogħol deċenti

1 % tal-ammont totali għandu jitwarrab għal fond għal djalogu soċjali u xogħol deċenti.

*Artikolu 8*

(1) Koordinazzjoni mal-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE

Il-kontribuzzjoni finanzjarja prevista fl-Artikolu 1 għandha tkun ikkoordinata mill-qrib mal-kontribuzzjoni mill-Istati tal-EFTA prevista fil-Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE. B'mod partikolari, ir-Renju tan-Norveġja għandu jiżgura li l-proċeduri u l-modalitajiet ta' implimentazzjoni jkunu essenzjalment l-istess għaż-żewġ mekkaniżmi finanzjarji.

(2) Koordinazzjoni mal-politika ta' koeżjoni tal-UE

Għandha titqies kull bidla rilevanti fil-politika ta' koeżjoni tal-UE, kif xieraq.

*Artikolu 9*

Dan li ġej għandu japplika għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja:

(1) Kooperazzjoni

L-objettivi tal-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż imsemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu segwiti f'qafas ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Benefiċjarji u r-Renju tan-Norveġja, filwaqt li jirrispettaw il-valuri u l-prinċipji u jikkonformaw mad-drittijiet u l-obbligi msemmija fl-Artikolu 1, il-paragrafu 2.

(2) Prinċipji ta' implimentazzjoni

L-ogħla grad ta' trasparenza, responsabbilità u kosteffiċjenza għandu jkun applikat fil-fażijiet kollha ta' implimentazzjoni, flimkien mar-rispett għall-prinċipji ta' governanza tajba, is-sħubija u l-governanza f'diversi livelli, l-iżvilupp sostenibbli, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni.

(3) Ġestjoni tal-fondi

Ir-Renju tan-Norveġja għandu jopera u jkun responsabbli għall-implimentazzjoni, inklużi l-ġestjoni u l-kontroll, tat-tliet fondi stabbiliti fl-Artikolu 7.

(4) Ġestjoni mir-Renju tan-Norveġja

Ir-Renju tan-Norveġja, jew entità maħtura minnu, għandu jkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tal-Mekkaniżmu Finanzjarju tan-Norveġja. Aktar dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż, inklużi miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati lejn l-iżgurar tal-effiċjenza u l-effettività fl-implimentazzjoni, se jinħarġu mir-Renju tan-Norveġja wara konsultazzjonijiet mal-Istati Benefiċjarji li jistgħu jiġu assistiti mill-

Kummissjoni Ewropea. Ir-Renju tan-Norveġja għandu jagħmel ħiltu biex joħroġ dawn id-dispożizzjonijiet qabel l-iffirmar tal-Memoranda ta' Qbil.

(5) Negozjati ta' Memoranda ta' Qbil

Ir-Renju tan-Norveġja għandu jinnegozja ma' kull Stat Benefiċjarju Memorandum ta' Qbil dwar l-allokazzjoni rispettiva speċifika għall-pajjiż, esklużi l-fondi msemmija fl-Artikolu 7 u l-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. Il-Memorandum ta' Qbil għandu jistabbilixxi l-programmi, id-distribuzzjoni ta' fondi bejn l-oqsma tal-programm, l-istrutturi għall-ġestjoni u l-kontroll u l-kundizzjonijiet applikabbli.

(6) Implimentazzjoni

(a) Fuq il-bażi tal-Memoranda ta' Qbil, l-Istati Benefiċjarji għandhom jippreżentaw proposti għal programmi speċifiċi lir-Renju tan-Norveġja li għandhom jivvalutaw u japprovaw il-proposti u jikkonkludu ftehimiet ta' għotja, bil-kundizzjonijiet, il-valutazzjoni tar-riskju u l-mitigazzjoni rilevanti, mal-Istati Benefiċjarji għal kull programm.

(b) L-implimentazzjoni tal-programmi miftiehma għandha tkun ir-responsabbiltà tal-Istati Benefiċjarji li għandhom jipprevedu sistema xierqa ta' ġestjoni u kontroll sabiex jiżguraw implimentazzjoni u ġestjoni tajba.

(c) Ir-Renju tan-Norveġja jista' jwettaq kontrolli skont ir-rekwiżiti interni tiegħu. L-Istati Benefiċjarji għandhom jipprovdu l-assistenza, l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha għal dan il-għan.

(d) Biex jiżgura l-konformità mal-obbligi, lir-Renju tan-Norveġja jista', wara valutazzjoni, wara li jkun sema' lill-Istat Benefiċjarju, jieħu miżuri xierqa u proporzjonati, inklużi s-sospensjoni tal-pagamenti u l-irkupru ta' fondi.

(e) Meta xieraq, għandhom ikunu applikati sħubiji fil-preparazzjoni, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni wiesgħa. Is-sħab jistgħu jkunu, fost oħrajn, fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll fis-settur privat, is-soċjetà ċivili u sħab soċjali fl-Istati Benefiċjarji u fir-Renju tan-Norveġja.

(f) Kull proġett skont il-programmi fl-Istati Benefiċjarji jista' jiġi implimentat f'kooperazzjoni bejn, fost oħrajn, entitajiet ibbażati fl-Istati Benefiċjarji u fir-Renju tan-Norveġja, f'konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku.

(7) Kostijiet ta' ġestjoni

Il-kostijiet ta' ġestjoni tar-Renju tan-Norveġja għandhom ikunu koperti mill-ammont totali msemmi fl-Artikolu 2, u għandhom ikunu speċifikati fid-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Il-kostijiet ta' ġestjoni għall-Fondi msemmija fl-Artikolu 7 se jiġu koperti mill-ammont allokat għall-Fondi.

(8) Rapportar

Ir-Renju tan-Norveġja għandu jirrapporta dwar il-kontribuzzjoni tiegħu għall-objettivi tal-Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż.

*Artikolu 10*

(1) Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet f'konformità mal-proċeduri tagħhom stess. L-istrumenti ta' ratifika jew ta' approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jkun ġie ddepożitat l-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.

(3) Sa meta jitlestew il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, dan il-Ftehim għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tal-ewwel xahar wara li tkun ġiet iddepożitata l-aħħar notifika għal dan il-għan.

*Artikolu 11*

Dan il-Ftehim, imfassal f'oriġinali wieħed bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Irlandiż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan, Ungeriż, Żvediż u Norveġiż, bit-test f'kull wieħed minn dawn l-ilsna jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jibgħat kopja ċċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet ta' dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, dan il-jum …. ta' [sena]

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Renju tan-Norveġja

## ANNESS

**Tranżizzjoni ekoloġika**

**Negozju ekoloġiku u innovazzjoni**

**Riċerka u innovazzjoni**

**Edukazzjoni, taħriġ u impjieg taż-żgħażagħ**

**Kultura**

**Żvilupp lokali, governanza tajba u inklużjoni**

**Inklużjoni tar-Rom u għoti tas-setgħa**

**Saħħa pubblika**

**Prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom**

**Is-settur tal-ġustizzja inklużi l-vjolenza domestika u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, l-aċċess għall-ġustizzja, is-servizzi korrettivi, il-kriminalità serja u organizzata**

**Ażil, migrazzjoni u integrazzjoni**

**Kooperazzjoni interistituzzjonali u bini tal-kapaċitajiet**

**L-Istati Benefiċjarji se jibbenefikaw ukoll minn proġetti ffinanzjati minn:**

**Fond għas-soċjetà ċivili**

**Fond għall-bini tal-kapaċitajiet u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet internazzjonali**

**Fond għal djalogu soċjali u xogħol deċenti**

*L-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diġitalizzazzjoni se jiġu integrati u jiffurmaw parti mill-oqsma rilevanti kollha tal-programm.*